MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Numru 794/2003

**Artikolu 221(1), 261, 262, 267, 86, 338(DD), 339(1D), 338(g)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u**
**Artikolu 14 tal-Kap 217**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ESSAM HADI ELMILANDI**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **ESSAM HADI ELMILANDI** ta' hamsa w ghoxrin sena, mwieled Tripoli l-Libja nhar it-tnejn ta' Novembru, 1997 bin El Hadi u Fattima u residenti gewwa

98, Joanne Marie Flats, Flat 4, Triq l-Imdina, Naxxar u detentur ta’ karta tal-identita` numru 957039 gie mressaq qudiemha akkuzat talli nhar fit-tnejn ta’ Settembru 2003, ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Albuiliesier Masoud gewwa Triq Dragonara, San Giljan u dan skond kif iccertifika Dr. Victor Buhagiar MD mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

Talli nhar l-erbgha ta’ Settembru 2003 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar minn gewwa Wellington Court, Triq Wilga, San Giljan ikkometta serq ta’ flejjes u telefon cellulari a detriment ta’ Sharon Alwan liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur.

Talli fl-stess gurnata tal-erbgha ta’ Settembru 2003, fl-stess lok u hin, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti arresta jew zamm taht sekwestru lil Sharon Alwan kontra l-volonta taghha.

Talli fl-stess gurnata tal-erbgha ta’ Settembru 2003 fl-stess lok u hin, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Sharon Alwan kif iccertifika Dr. Attard Montaldo MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

Talli fiz-zewg dati msemmija, fiz-zewg postijiet volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Talli fiz-zewg dati msemmija u fiz-zewg postijiet, hebb kontra l-persuni ta’ Sharon Alwan u Albuiliesier Masoud sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmlilhom hsara.

Talli nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Settembru 2003, ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta' wra nofsinharf, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan, taha falz lil ufficjal pubbliku li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu u partikolarijiet ohra tieghu.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tikkunsidra illi l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti b’sentenza definitiiva mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi LL.D.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 221(1), 261, 262, 267, 86, 338(DD), 339(1D), 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-presentata tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2003 u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti giet infurmata mill-Prosekuzzjoni li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-invetsigazzjoni taghha u kien minhabba l-ammissjoni tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu li dawn id-delitti gew solvuti fi zmien daqshekk qasir.

Rat wkoll li l-feriti subiti mill-vittmi huma de minimis fin-natura u ghalhekk il-Qorti thoss li taht dawn ic-cirkostanzi tista tordna sentenza sospiza ta' pringunerija.

**Ghalhekk l-Qorti tiddikjara wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati li qed issib lil imputat ESSAM HADI ELMILANDI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta’ tmintax il-xahar liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artiklu 28(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri f’kaz li l-imputat jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------